

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1371

tal-5 ta' Awwissu 2022

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tagħha,

Billi:

- (1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bl-Olandiż, bil-Portugiż, bis-Sloven u bit-Taljan tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ⁽²⁾ fihom żball fl-Artikolu 38(6) li jbiddel it-tifsira tad-dispożizzjoni jew tal-kliem li jista' jwassal għal interpretazzjoni ħażina, fir-rigward tal-perjodu ta' żmien indikat u għal dak li jirreferi għalih.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bl-Olandiż, bil-Portugiż, bis-Sloven u bit-Taljan tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħrajn mhumiex affettwati.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni huma konformi mal-opinjoni mogħtija mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fid-9 ta' Frar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1**(Ma japplikax għal-lingwa Maltija.)**Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹⁾ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).